# M I N U T I

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana

## It-Tmien Leġiżlatura

## Laqgħa Numru 44

19 ta' Jannar 2022

L-erbgħa u erbgħin (44) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 19 ta' Jannar 2022 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

Preżenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

Skużati:-

Membri tal-Pubbliku 0

Uffiċjal Preżenti :-

Malcolm Agius Muscat Aġent Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 44.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

44.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 44.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

44.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tlieta u erbgħin (43) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

44.2.2. Il-Kunsillier AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (AD, JAE, DSH, VB, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota:** **17:05 Il-laqgħa ġiet sospiża.**
**17:15 Il-laqgħa tkompliet.**
**17:15 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jiddiskuti l-materja nru 44.8**
**17:15 Is-Sindku DSH skużat ruħha minħabba kunflitt t'interess.**

### 44.8 PROPOSTA GĦAL ŻONA PEDONALI F'PARTI MINN TRIQ L-ISQOF MAURO CARUANA

44.8.1 Il-Viċi Sindku VB fetaħ il-materja billi qal li wara li l-Kunsill kien sema' l-veduti, huwa jaqbel li Triq l-Isqof Mauro Caruana għandha tiġi pedonali. Huwa qal li r-residenti t'hemmhekk għandhom sens ċiviku kbir u għamlu minn din it-triq eżempju għal toroq oħra.

44.8.2 Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju u għalhekk qabel li għandu jistenna li jiġu preżentati l-firem kollha sabiex il-Kunsill ikun jista' jitkellem mal-perit tiegħu biex it-triq tkun tista' ssir pedonali hekk kif propost.

**Nota:** **17:22 Is-Sindku attendiet għal-laqgħa.**
**17:22 Il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti l-materja nru 44.2**

### 44.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

44.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 43.2.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward ix-xogħol fi Triq Sant'Anna. Is-Sindku wieġbet li ma kienx hemm żviluppi

biss minn informazzjoni li għandha, qalet li kienet tinsab informata li kienu qed isiru xi tip ta' studji.

44.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 43.2.6.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward id-dwal fi Pjazza Papa Ġwanni XXIII. Is-Sindku qalet li kienet qed tikkomunika mal-Enemalta kif ukoll mal-kuntrattur tal-Kunsill li t-tnejn kienu qed isostnu li mhux min-naħa tagħhom. Hija qalet li l-kuntrattur tal-Kunsill kien mar dakinhar stess u xegħel bl-inverter, u għalhekk kienet reġgħet ikkuntattjat lill-Inġinier tal-Enemalta għaliex jidher li hemm xi wiring imqaċċat. Hija qalet li x'aktarx ser jiġu l-Enemalta flimkien mal-kuntrattur sabiex jaraw x'jista' jsir.

44.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 43.2.7 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward iż-żabra. Il-Viċi Sindku VB wieġeb li s'issa ma kellux risposta biss ser jibqa' jsus wara l-kuntrattur sabiex issir iż-żabra fi Triq il-Kapuċċini. Fir-rigward ta' Ġnien Sir Luigi Preziosi, il-Viċi Sindku VB qal li din ma kienitx ilha li saret.

44.2.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa rigward iż-żabra ta' quddiem in-niċċa tal-Kurċifiss. Il-Viċi Sindku VB qal li għandu jitkellem mal-kuntrattur.

44.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 43.2.9 rigward id-dwal fi Ġnien il-Mall u jekk kienx ser isir dawl temporanju sakemm jitlesta. Huwa qal li kien ġie avviċinata minn żewġ persuni li kienu lmentaw li ngħataw fastidju fl-inħawi u għalhekk iħoss li kien hemm bżonn li ż-żona tiġi mdawwla aħjar. Is-Sindku DSH qalet li kienet tkellmet magħhom u tinsab informata li kienu qed jistennew mingħand l-Enemalta sabiex jgħaddu xi cables.

44.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 43.5.1 rigward id-drenaġġ u d-dawl fis-subway u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku wieġbet li s-subways ma kienux jaqgħu taħt il-Kunsill u għalhekk kull ilment kien qed jiġi mgħoddi lill-Cleansing Department. Hija qalet li l-Ministru Deo Debattista kien ukoll informat bis-sitwazzjoni.

44.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja 43.5.3 u qal li fil-masġar ta' ħdejn l-iSptar Sir Paul Boffa kien hemm ammont kbir ta' skart. Huwa qal li kien minnu li dan il-masġar ma kienx responsabbiltà tal-Kunsill biss in-nies kienu ser jirrikorru lejn il-kunsill lokali. Il-Viċi Sindku VB qal li hu kien indaga dwar dan biss ma setax jikkonferma jekk dan il-masġar hux inkluż fil-kuntratt li l-ELC għandhom mal-Kunsill jew le.

44.2.8.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill għandux informazzjoni x'kien jismu dan il-masġar uffiċjalment. Il-Viċi Sindku VB wieġeb li ser jipprova jara jsibx xi mapep antiki sabiex jara jekk hux immarkat b'isem.

## 44.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

44.3.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-gwardjan tal-Fraternita Patrijiet Franġiskani Kapuċċini Floriana fejn offra lill-Kunsill li jagħtih sponsorship għall-pubblikazzjoni tal-ktieb tiegħu li jittratta riċetti antiki u artikli dwar drawwiet. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' miegħu.

44.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Surmast tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca fejn talab lill-Kunsill jisponsorja subscription fee ta' Eco Skola li tammonta għal €15. Is-Sindku nformat li kienet ħallset din il-miżata hi personalment.

44.3.2.1. Is-Sindku kompliet billi qalet li l-Kunsill Skolastiku kien qed jitlob lill-Kunsill jikkunsidra jixtri mija u għaxar drawing string bags għall-istudenti mill-ewwel sas-sitt sena u dawn sabiex ikunu jistgħu jintużaw għar-riżorsi tal-matematika. Wara li kienu ntalbu l-kwotazzjonijiet, jidher li l-orħos waħda kienet ta' €247.56. Il-Kunsill qabel.

44.3.3. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand XX fejn provdew lista ta' toroq li fihom huwa projbit xogħol ta' kostruzzjoni fil-perjodu tas-Sajf. Il-Kunsill qabel li għandhom jinżammu l-istess toroq.

44.3.4. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Università ta' Malta fejn talbu permess sabiex jitwaħħal streamer fi Triq Sant'Anna kantuniera ma' Pjazza Emanuel S. Tonna. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

44.3.5. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn talbu appuntament mal-Kunsill sabiex jiġu diskussi l-possibiltajiet għall-erbgħin sena mill-fondazzjoni tagħhom. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' magħhom fis-27 jew it-28 ta' Jannar 2022 fil-5pm.

44.3.6. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Malta Marathon Race Organising Commitee fejn talbu permess għat-tiġrija li ser jorganizzaw. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

44.3.7. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Nursery dwar problema li qed jiffaċċjaw minħabba parkeġġ illegali tal-karozzi fil-Keep Clear. Il-Kunsill qabel li jaqla' l-bollards li hemm fuq wara u jwaħħalhom quddiem.

44.3.8. Is-Sindku DSH qalet li kienu ntalbu tliet kwotazzjonijiet għall-għamara tal-kamra tal-customer care, hekk kif allokat parzjalment fil-baġit tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tintagħżel l-orħos offerta.

## 44.4 RAPPORTI

44.4.1. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-iskema tal-armar tal-Milied u fakkar lill-Kunsill sabiex jieħu ħsieb jitlob ir-rimbors għad-dawl tal-Milied. Is-SE informa li kellha ssir it-talba għar-rimbors wara l-laqgħa u dan sabiex tkun tista' tintbagħat prova tal-pagament.

## 44.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

44.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistgħux jitkomplew it-taħditiet rigward il-Fosos. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-Avukat sabiex jara f'hiex kienet waslet il-materja sabiex ikun jista' jkompli t-taħditiet.

44.5.2. Il-Kunsillier AD għamel riferenza għat-traffic lights li kien hemm ħdejn l-MCP u qal li s-sinjal li kien hemm għan-nies m'għadux hemm. Is-Sindku qalet li l-l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni għal dan.

44.5.3. Il-Viċi Sindku VB staqsa dwar il-filmat li l-Kunsill kellu jgħaddi lir-Reġjun Xlokk. Is-Sindku wieġbet li l-filmat kien sar u kien ġie preżentat lill-Kunsill iżda l-Kunsill kien informat sabiex il-filmat ma jiġix ċirkolat għalissa.

44.5.4. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għas-sitwazzjoni tad-dawl fi Triq Sant'Anna. Huwa staqsa jekk jistax isir xi ftehim mal-MTA jew ma Festivals Malta sabiex jiffinanzjaw it-tiswija ta' parti minnu bil-ftehim li meta jkollhom bżonn li jinxtegħel id-dawl, dan jixtegħel senza interessi.

44.5.4.1. Is-Sindku qalet li s-somma li l-Kunsill kien jiċċarġja lil dawn l-entitajiet meta jitolbu sabiex jinxtegħel id-dawl kienet minima.

44.5.4.2. Hija qalet li kien hemm il-ħsieb li l-flus li l-MTA soltu tagħti lill-Kunsill jintużaw sabiex jiġi rranġat id-dawl.

44.5.4.3. Il-Viċi Sindku VB qal li l-ispiża sabiex jiġi rranġat dawn id-dawl kienet kbira wisq għall-Kunsill waħdu apparti li dawn kienu jintużaw ukoll għal attivitajiet nazzjonali.

44.5.4.4. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ċans jitkellem mal-MTA u entitajiet konċernati.

44.5.5. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-vann elettriku. Is-Sindku nformat li kienet inħarġet is-sejħa għall-offerti iżda ma kien hemm l-ebda offerent u għalhekk għandha terġa' tinħareġ sejħa oħra bi speċifikazzjonijiet differenti.

44.5.6. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward is-senior citizen centre fid-Dar tal-Kunsill. Is-Sindku nformat li dakinhar stess kienet inżammet laqgħa mal-Perit li kien ser ikun qed jieħu ħsieb dan il-proġett. Hija qalet li l-Perit kien ser jaħdem fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-lift.

44.5.6.1. Is-Sindku żiedet tgħid li minħabba li l-kuntratt tal-Perit li kien qed jieħu ħsieb il-proġett preċedentement kien spiċċa u għalhekk kien sar kuntatt mal-Perit sabiex il-Kunsill jara kif ser jipproċedi.

44.5.6.2. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk kienx ser jinbidel il-lift tal-faċċata.

44.5.6.3. L-ASE spjega li matul il-laqgħa mal-perit inkarigat mill-proġett ġie konkluż li ser jiġi ċċarat mal-perit li kien ressaq l-applikazzjoni u li issa skadielu l-kuntratt jekk hux ser jikkonkludi din l-applikazzjoni li qiegħedha f'ismu jew jekk hux ser jitrasferixxi l-proġett f'idejn il-perit il-ġdid. Ikkonferma wkoll li l-platform lift tal-faċċata huwa parti mill-istess applikazzjoni. L-ASE hawn talab lill-kunsill japprova talba għal estensjoni ta' sitt xhur sabiex il-proġett ikun jista' jiġi konkluż fil-ħin, kif ukoll talba biex jiġi kkunsidrat li l-lift li ser isir fil-bitħa ma jkunx panoramic lift imma jkun passenger lift normali peress li l-ispejjeż għal panoramic lift huma ħafna aktar, u meta wieħed jikkunsidra li dan ser ikun ġo bitħa interna mingħajr l-ebda veduta.

44.5.6.4. Il-Kunsill qabel u approva li jsiru dawn it-talbiet.

44.5.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-fanali ornamentali li kien hemm fuq il-Fosos u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku wieġbet li l-fanali ornamentali kienu qegħdin jinżammu fil-garaxx tal-MTA. Hija qalet li dawn kienu tneħħew minħabba l-Health and Safety.

## 44.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

44.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 44.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

44.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 32/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

44.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 44.8 Proposta għal żona pedonali f'parti minn Triq l-Isqof Mauro Caruana

44.8.1. Din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni, wara materja nru 44.2.

## 44.9 Approvazzjoni tal-Performance Appraisals

44.9.1. Wara li ddiskuta dwar il-ħidma individwali ta' kull impjegat, il-Kunsill qabel li l-impjegati kollha tal-Kunsill, inkluż l-ASE, għandhom jingħataw il-massimu tal-performance bonus.

44.9.2. Fir-rigward tal-ħaddiema li qegħdin mislufin lill-Kunsill taħt skemi, il-Kunsill qabel li għandu jagħti l-ammont ta' €250 lill-ħaddiem tal-RSSL peress li din l-iskema titlob lill-Kunsill jiddetermina l-ammont, filwaqt li l-ammonti tal-ħaddiema ta' District Operations jiġu determinati mill-iskema nnifisha fuq sistema ta' punti wara li l-ASE jkun issottometta formola online.

## 44.10 Fireworks Festival

44.10.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kienet qegħda tipproponi laqgħa mal-MTA sabiex il-Kunsill jara kif setgħet tiġi organizzata l-edizzjoni li jmiss tal-festival nazzjonali tal-logħob tan-nar tal-art mekkanizzat. Hija qalet li matul l-istess laqgħa kien hemm bżonn li jiġu diskussi il-bilanċi pendenti li l-MTA għandha mal-Kunsill kif ukoll l-għotji li hemm b'lura. Il-Kunsill qabel li għandha tissejjaħ laqgħa.

## 44.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

44.11.1. Il-laqgħa intemmet fis-18:25 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 16 ta' Frar 2022 fis-6.00pm.

**Konfermati, illum 16 ta' Frar 2022**

**(iffirmati)**

Davina Sammut Hili
Sindku

**(iffirmati)**

Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv